MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2005

Appell Civili Numru. 523/2002/1

**Iris Dalmas**

**vs**

**Mons. Joseph Dalmas u Ronnie u Carmen konjugi German**

**Il-Qorti,**

Fl-1 ta' April, 2004, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz fuq indikat datat l-4 ta' Settembru tas-sena 2002 li permezz tieghu l-attrici sejhet lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:

1. Illi fi zmien qasir u perentorju ffissat minn dina l-qorti jaghtu lura lill-attrici l-oggetti kollha taghha u ndikati fil-lista annessa bhala dokument A;

2. Illi fin-nuqqas ta' ottemperenza mal-ewwel talba fiz-zmien moghti, tillikwida l-valur tal-oggetti li l-konvenuti jonqsu milli jaghtu lura lill-attrici u dana skond l-istimi indikati fl-anness dokument A u bl-ghajnuna ta' perit tekniku appuntat apposta sabiex jara li ssir il-konsenja tal-oggetti kollha elenkati u jindika liema huma l-oggetti mhux konsenjati u l-valur taghhom liema valur ma jeccedix il-hamest elef Lira Maltin (LM5,000.00,0);

3. Illi tordna lill-konvenuti jhallsu lill-attrici dak l-ammont talvolta ndikat mill-perit tekniku skond it-tieni talba rapprezentanti l-valur tal-oggetti li l-konvenuti jonqsu milli jaghtu lura lill-attrici. U dan kollu peress li l-oggetti kollha indikati fil-lista Dok A huma tal-attrici u l-konvenuti ghalkemm interpellati naqsu li jaghtuhomlha lura;

4. Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri bonarji tad-9 ta' Mejju tas-sena 2002; 17 ta' Mejju tas-sena 2002; 27 ta' Mejju tas-sena 2002; 30 ta' Mejju tas-sena 2002; 17 ta' Gunju tas-sena 2002; 24 ta' Gunju tas-sena 2002 u tal-ittra ufficjali tal-5 ta' Gunju tas-sena 2002 u tal-mandat ta' qbid prezentat kontestwalment;

5. Bl-interessi mid-data tal-ittra ufficjali tal-5 ta' Gunju tas-sena 2002 sal-hlas effettiv;

6. Il-konvenuti huma ngunti biex jidhru ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-11 ta' Settembru tas-sena 2002 li permezz taghha l-konvenuti eccepew is-segwenti:

1. Illi l-attrici ma hiex *mens compos* u allura m'ghandhiex *standi judicio*;

2. Illi bla pregudizzju, fil-meritu l-attrici trid tipprova l-proprjeta' tal-oggetti;

3. Illi kwantu ghall-konvenuti Ronnie u Carmen konjugi German, ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju stante li m'humiex il-legittimi kontradditturi;

4. Illi bla pregudizzju l-konvenut Mons. Joseph Dalmas ghandu jircievi inkwatru "still life" ta' frott u hxejjex li huwa apprezzat fl-ammont ta' cirka tlett elef Lira Maltin (LM3,000) li talbu lill-istess attrici u qed tirrifjuta li tikkonsenjah dwar liema huwa qed jipprezenta l-kawza opportuna kontestwalment kontra l-attirci u ghalhekk ikun opportun li l-Qorti tordna l-konnessjoni tal-kawzi;

5. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat in-noti pprezentati mir-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi preliminarjament din il-qorti ser tizgombra l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuti stante li b'ebda mod ma giet investita mill-provi prodotti u konsegwentement, stante li mhux pruvata qed tirrespingi l-istess eccezzjoni preliminari;

2. Illi fuq il-meritu ghandu jinghad is-segwenti:

a. Illi l-attrici qed titlob tirriprendi l-pussess ta' l-oggetti minnha ndikati fid-dokment imsemmi bhala Dok `A' fl-avviz promotur a fol 2-5 tal-process;

b. Illi l-attrici, kif suffragata minn ohtha Antonia, issostni li l-oggetti hemm elenkati huma proprjeta’ taghha, (ara fol 18 u 20);

c. Illi pero’ dan hu konfutat mill-konvenuti, (ara fol 53, 61 u 76);

Ikkunsidrat:

Illi ghalkemm l-attrici tafferma bl-aktar mod emfatiku li l-affarijiet in dizamina huma propjeta’ taghha jirrizulta bl-aktar mod inekwivoku li ma pprezentat l-ebda dokumentazzjoni oggettiva in suffragju ta’ l-istess;

Illi l-uniku affermazzjoni pozittiva f’dan ir-rigward hu l-affidavit tal-konvenut Reverendu Monsinjur li nonostante dan sua sponte jafferma s-segwenti:

“Pero’ jien lest li naccetta li ohti Iris tiehu l-maggoranza ta’ dawn l-affarijiet…” (ara fol 63);

Illi hi l-fehema konsiderata ta’ din il-qorti li kien ikun ferm aktar ghaqli u dinjituz kieku l-partijiet ghazlu li jirrizolvu din il-vertenza privatament, kif donnu jissuggerixxi l-istess konvenut il-Monsinjur Dalmas (ara fol 63), molto piu’ meta jirrizulta li kienu ilhom jabitaw flimkien mill-1957 (ara fol 75) u baqghu jaghmlu hekk sal-1998;

Ghaldaqstant, tenut kont tal-fatt li min jallega jrid jipprova, in vista tal-premess, stante li t-talbiet attrici mhux pruvati skond il-ligi, filwaqt li tirrespingi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti u t-talbiet attrici, takkolji l-eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenuti bl-ispejjez.”

L-attrici hassitha aggravata b’ din is-sentenza u talbet ir-revoka taghha.  L-aggravju ewlieni taghha hu fondat fuq il-motiv illi l-ewwel Qorti naqset li tiehu konjizzjoni tal-provi kollha oggettivi prodotti fil-proceduri;

It-twegiba tal-konvenuti appellati ghal din il-kritika hi cirkoskritta ghall-kontenzjoni illi din il-Qorti ma ghandhiex

tiddisturba l-apprezzament tal-provi maghmul fil-prim' istanza;

Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-atti tal-kawza u hi tal-ferma konvinzjoni illi l-aggravju ta' l-attrici appellanti kien wiehed sostenibbli u ben fondat. Huwa veru li di regola il-qorti ta' revizjoni ma tintromettix ruhha u tissindika bla bzonn l-apprezzament tal-provi maghmul minn qorti ta' l-ewwel grad. Daqstant iehor, pero`, hu veru wkoll illi meta dan ikun hekk mehtieg minn konsiderazzjonijiet ta' gravita` u tal-pregudizzju sostanzjali ghall-parti sokkombenti, din il-Qorti hi obbligata taghmel dak is-sindikar u anke tasal ghal konkluzjoni diversa minn dik ta' l-ewwel tribunal;

Mill-ezami tas-sentenza appellata din il-Qorti hi konvinta illi aktar minn zball ta' l-apprezzament ta' fatt l-ewwel Qorti kienet skorretta minn konsiderazzjoni tad-dritt procedurali meta affermat illi t-talba attrici kienet qed tigi rigettata in bazi ghall-motivazzjoni illi l-appellanti naqset milli tipprezenta dokumentazzjoni manifestanti l-prova tal-proprjeta` minnha vantat fuq l-oggetti li taghhom kienet qed titlob ir-rivendika minghand il-konvenuti. Fil-hsieb tal-Qorti ma kienx il-kaz li l-ewwel qorti tirrigetta d-domanda in bazi ghall-asserit nuqqas;

Hi regola ben assodata illi meta ma tistax issir il-prova solita, u meta jkun hemm cirkostanzi partikolari u specjali li jistghu jispjegaw ghaliex ma tistax isir, hu dmir tal-gudikant li jirricerka provi ohra li jissodisfawh. *Multo magis*, imbaghad, meta ghas-sussistenza tal-prova dwar il-proprjeta` ta' l-oggetti ma kienetx, la tassattivament u lanqas necessarjament, mehtiega ebda dokumentazzjoni. Naturalment din id-dokumentazzjoni, kieku producibbli kienet tkun ta' ghajnuna ghal skop ta' konvinciment, izda anke minghajrha kien possibbli ghall-ewwel qorti li tibbaza l-gudizzju taghha fuq il-provi processwali l-ohra attendibbli. Fatt jista' jigi provat bil-mezzi kollha ammessi u rikonoxxuti mid-dritt probatorju, jigifieri kemm bi provi diretti, bhal dokumenti (Artikolu 627 *et seq.*, Kapitolu 12) u

xhieda (Artikolu 563 *et seq.*, Kapitolu 12) u l-ammissjoni (Artikoli 693 sa 695 ta' l-istess Kapitolu 12), kif ukoll bi provi ndiretti bhal ma huma l-prezunzjonijiet (Artikoli 1234 u 1235, Kodici Civili) u l-indizji li kapaci jikkonvincu lill-gudikant;

Li kieku kien differentement dan kien igib ghas-sitwazzjoni assurda illi kull darba li tkun tonqos il-prova dokumentali min hu gravat bil-piz taghha ma jkunx jista', xort' ohra, jsostni l-bazi ta' l-azzjoni jew ta' l-eccezzjoni.  Invece, kif saput, l-effikacja probatorja kapaci tirrizulta b' xi mezz iehor.  *Ad exemplum*, fil-kaz ta' ricevuta (ara **Kollez. Vol. XLIX  P II  p 776**) jew ta' xi dokument introvabbli.  Dan anke fejn il-ligi tezigi dawn il-provi skritti "*ad probationem vel substantiam*".  Anke hawn il-produzzjoni tar-ricevuta jew tad-dokument mhix indispensabbli; anzi, hu permess li tingieb prova ohra konvincenti ghal konferma tal-ftehim u tal-pattijiet tieghu.  Fil-kaz ta' l-oggetti in ispecje, trattasi maggorment minn borom, utensili tal-kcina, u hwejjeg ohra, generalment ad uzu gjornalier, fuq l-esperjenza komuni din il-Qorti hi tal-fehma illi min jixtrihom qajla joqghod izomm ir-ricevuti taghhom.  Hu, del resto, provvdut kjarament fir-regola ta' l-Artikolu 1232 (1) tal-Kodici Civili li tghid illi "meta mhux mehtieg mil-ligi li l-obbligazzjoni jew it-tmiem taghha jidhru minn att pubbliku jew minn kitba privata, il-prova ta' l-obbligazzjoni jew tat-tmiem taghha tista' ssir b' xhieda jew b' mezzi ohra maghrufin mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili";

Il-principju tal-piz tal-prova ma jfisserx illi d-dimostrazzjoni tal-fatt, kostituttiv ta' dritt vantat u pretiz, trid tigi rikavata eskluzivament minn prova wahda, u dik biss.  Hu sew maghruf illi wiehed jista' jutilizza elementi ohra probatorji akkwiziti mill-process.  Fl-ordinament guridiku taghna, kif gja fuq espress, ivigi l-principju illi r-rizultanzi istruttorji jistghu jigu ottenuti b' kull mod purke dawn iservu ghall-formazzjoni u konvinciment tal-gudikant.  Xejn ma hu eskluz, lanqas l-utilizzazzjoni ta' xi prova fornita mill-

kontroparti. L-importanti hu li l-parti fil-proceduri tipprova u ssostni l-fatt li hu ghab-bazi tad-dritt taghha;

Il-kwestjoni f' dan il-kaz hi dik allura jekk l-ewwel Qorti kellhiex quddiemha prova sodisfacenti, anke fl-assenza ta' dokumentazzjoni, tal-pretiza ta' l-attrici appellanti illi l-oggetti reklamati kienu effettivament taghha, u jekk, allura wkoll, l-appellanti, bhala l-persuna gravata b' din il-prova, irnexxilhiex tiskarika l-piz inkombenti fuqha;

Fl-Affidavit tieghu (fol. 61) il-konvenut Mons. Joseph Dalmas, kif sostenut mill-konvenuta Carmen German (ara Affidavit taghha a fol. 67), jistqarr li l-affarijiet kollha li l-attrici ohtu qed tippretendi fil-kawza huma kollha proprjeta` tieghu. Din l-istqarrija kategorika tieghu hi kontraddetta, tista' tghid ghal kollox, mill-kumplament tal-provi in atti. Anke kieku wiehed kellu jiskarta d-dikjarazzjoni testamentarja ta' l-attrici (ara testment a fol. 44, esebit minn Nutar Rosella Sciberras) gjaladarba si tratta ta' dikjarazzjoni unilaterali, xorta wahda jitnissel f' din il-Qorti, fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, il-konvinciment, ukoll fl-ambitu tal-kredibilita`, tal-konsistenza u tal-verosimiljanza, illi l-oggetti elenkati fil-lista a fol. 2 huma ta' proprjeta` ta' l-attrici appellanti. Din il-konvinzjoni hi sorretta oltre mix-xhieda ta' Antonia Mickelon (fol. 20), Violet Casabene (fol. 32) u Josephine De Maria Casabene (fol. 48), mid-dikjarazzjoni ta' l-istess konvenut Mons. Joseph Dalmas li *in calce* ghall-Affidavit tieghu jaccetta li l-attrici ohtu tiehu l-affarijiet indikati fil-lista (fol. 2) ad eccezzjoni ta' dawk minnu precizati f' elenku preparat minnu u esebit a fol. 60, u li hu jsostni li huma tieghu. Il-Qorti ma tistax ma tinnotax illi gja b' ittra tat-13 ta' Gunju 2002 (fol. 16) l-imsemmi konvenut kien accetta li jrodd lura lill-attrici ohtu l-oggetti minnha reklamati. Accettazzjoni li ovvjament baqa' ma kkonsegwiex bid-debita adempjenza. Evidentement, minhabba element ta' pika li, ftit jew wisq, kien il-kagun li wassal ghal din il-procedura, u li l-konvenuti ghazlu fl-ewwel lok li jiddefendu ruhhom bl-allegazzjoni li l-attrici ohthom kienet "*non compos mentis*".

Allegazzjoni din denigranti, ghax inveritiera, u ghamlet sewwa l-ewwel Qorti li skartata;

Jidher bic-car illi anke dan il-fatt pacifiku ammess gie injorat jew skartat mill-ewwel Qorti. Fatt li, in vista ta' l-ammissjoni, esplicita jew implicita, tal-konvenut, kellu jitqies li jikkorrispondi ghall-veru, f' liema kaz lanqas kienet mehtiega prova diretta dwaru. Ammissjoni li kienet logikament inkompatibbli man-negazzjoni tal-fatt allegat;

Hu x' inhu, mill-korp tal-provi in atti din il-Qorti ftit ghandha dubju illi l-allegazzjoni ta' l-appellanti, illi l-oggetti minnha domandati b' din l-istanza huma taghha, tinsab sew suffragata. Fic-cirkostanzi hu l-kaz li din il-Qorti titbieghed mill-konkluzjoni raggunta in kwantu din, kemm fattwalment kemm guridikament, hi difettuza;

Gjaladarba din il-Qorti ma ghandhiex il-prova tal-valur ta' l-oggetti reklamati minn espert indipendenti, hlief indikazzjoni approssimattiva provvduta mill-attrici nnifisha, mhux il-kaz li din il-Qorti tilqa' t-tieni domanda kif dedotta b' dan li din, pero`, ser tithalla mpregudikata.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell interpost u b' hekk thassar u tirrevoka s-sentenza appellata. Tghaddi ghalhekk biex tilqa' t-talbiet ta' l-attrici kif minnha dedotti fl-avviz u b' hekk tikkundanna lill-konvenuti jroddu lura lill-attrici, zmien hmistax mil-lum, l-oggetti kollha taghha elenkati fil-lista a fol. 2 tal-process. Tibqa' rizervata *si et quatenus* favur l-attrici appellanti kull dritt ta' azzjoni ohra f' kaz li l-konvenuti appellati jonqsu li jikkonsenjaw lill-attrici appellanti fit-terminu preskritt l-istess oggetti. L-ispejjez taz-zewg istanzi jitbatew mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------